# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 28/13/2 FDP**

**Trasporti e Movimenti Terra Limited (C-50149)**

**v.**

**Schembri Infrastructures Limited (C-17388)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-kumpanija konvenuta Schembri Infrastructures Ltd fir-rikors tal-appell tagħha: (i) mid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar, 2013; u (ii) mis-sentenza finali mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2020.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-15 ta' Jannar, 2013, il-kumpanija attriċi Trasporti e Movimenti Terra Ltd fissret li hija ġiet imqabbda mill-kumpanija konvenuta, b'kuntratt tas-27 ta' Awwissu, 2010, sabiex tagħmlilha xogħol ta' tħaffir fil-Kappara. Tgħid li għalkemm il-kumpanija konvenuta ħallsitha s-somma ta' €330,925 għal dan ix-xogħol, madankollu hija fadlilha tħallasha s-somma ta' €245,363.20 u billi l-kumpanija konvenuta baqgħet ma ħallisthomx, minkejja li ġiet mitluba tagħmel dan, il-kumpanija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf, tliet mija u sitta u tletin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€245,363.20).*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax mit-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà intimata minn issa inġunta in subizzjoni.»*

3. Il-kumpanija konvenuta ġiet notifikata fit-22 ta' Jannar, 2013 (ara paġna 21 tal-atti tal-kawża) u fil-25 ta' Jannar, 2013 hija ressqet rikors (ara paġni 28 sa 29 tal-atti tal-kawża), fejn b'referenza għall-klawsola 9.2.1 tal-kuntratt tas-27 ta' Awwissu, 2020, hija talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«ai termini tas-***subartikolu (3) tal-Artikolu 15 tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta)***, twaqqaf il-proċedimenti fl-ismijiet u bin-numri premessi pendenti quddiemha llum, u tiddeferixxi l-istess kawża sine die pendenti l-eżitu tal-proċeduri arbitrali sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jirreferu r-riżoluzzjoni tat-tilwim bejniethom quddiem it-*

*tribunal arbitrali, kif pattwit bejn il-partijiet, dan salv kull provvediment ultejuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li tagħti.»*

4. Din il-klawsola 9.2.1. kienet taqra hekk:

*«The Parties shall seek to resolve in good faith any dispute or difference arising between them in respect of any matter connected with this Agreement. If the parties cannot resolve any such dispute or difference within fourteen days, or such a period as the parties may subsequently agree in writing, then such dispute shall be submitted to their respective designated representatives under this Agreement.*

*If such settlement is not possible the matter will be referred to Arbitration by the Malta Arbitration Centre. The Parties agree that in the event that the resolution of a dispute cannot be obtained without recourse to arbitration in the terms of this Clause, the Arbitration board made up of three Arbiters (3) shall decide said dispute, which decision shall be absolute, binding and not subject to appeal.»*

5. Il-kumpanija rikorrenti opponiet għal din it-talba tal-kumpanija konvenuta b'risposta mressqa fid-19 ta' Frar, 2013 (ara paġni 33 sa 34 tal-atti tal-kawża) għaliex: (i) l-azzjoni f'din il-kawża hija dwar kundanna għall-ħlas ta' bilanċ ta' flus li huwa dovut u għalhekk m'hemmx «*dispute*» (i.e. tilwima) għall-għanijiet tal-klawsola 9.2.1; (ii) li l-ftehim fejn hemm din il-klawsola arbitrali llum huwa skadut; (iii) li l-kumpanija konvenuta ġiet interpellata biex tħallas permezz ta' ittra legali tat-12 ta' Ġunju, 2012 u wara li din wieġbet għaliha fis-7 ta' Awwissu, 2012, hija waqfet hemm u ma ħadet l-ebda proċeduri, b'dana għalhekk li l-kumpanija konvenuta rrinunzjat għall-klawsola arbitrali ġaladarba hija ma ħadet l-ebda azzjoni sabiex tressaq it-tilwima tagħha għall-arbitraġġ.

6. B'digriet mogħti fil-21 ta' Frar, 2013 (ara paġna 37 tal-atti tal-

kawża), l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tal-kumpanija konvenuta sabiex ikun hemm sospensjoni tal-proċeduri sakemm jinqatgħu l-proċeduri tal-arbitraġġ. Dan id-digriet jgħid hekk:

> *«Rat ir-rikors;*
>
> *Rat id-digriet preċedenti tagħha;*
>
> *Rat ir-risposta;*
>
> *Għar-raġunijiet esposti fir-risposta fuq indikata, tiċħad it-talba.»*

7. Wara li ġie miċħud dan ir-rikors tagħha, il-kumpanija konvenuta ressqet risposta maħlufa fit-13 ta' Marzu, 2013 sabiex tikkontesta t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti. L-eċċezzjonijiet tagħha kienu dawn:

> *«1. In via preliminari in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, dan stante li l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta' prezz ta' xogħlijiet imwettqa skont kuntratt ta' subappalt tas-27 ta' Awwissu 2010, kopja ta' liema kuntratt ġie eżebit mill-istess atturi, liema kuntratt fih klawsola arbitrali li taqra kif ġej:*
>
> *...*
>
> *2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit li l-ammont mitlub mill-attriċi mhuwiex dovut kemm għaliex l-ammont mitlub mhuwiex ġustifikat mix-xogħlijiet li fil-fatt saru kif ukoll għaliex għad irid jiġi aċċertat jekk l-attriċi qdietx l-obbligi tagħha skont il-liġi u dan peress li l-klijent finali ta bidu għal proċedura ta' arbitraġġ kontra l-konvenuta għaliex qiegħed jallega li x-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti;*
>
> *3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit ulterjorment li anke f'każ li jirriżulta li l-konvenuta għandha tħallas xi somma flus lill-attriċi, din għandha d-dritt li żżomm kull pagament sakemm jiġi determinat jekk il-penalitajiet li qiegħda timponi l-Korporazzjoni Enemalta fil-konfront tal-konvenuta humiex imputabbli lill-attriċi u f'dak il-każ sa liema ammont, stante li l-attriċi għandha l-obbligu li tindennizza lill-intimata u dan b'applikazzjoni tal-klawsola numru 8.1.(c) tal-kuntratt ta' sub appalt li jaqra kif ġej:*
>
> > *«The Parties agree that in the event that the completion of execution of works is delayed for reasons imputable to the Contractor, all and any*

*penalties, fees or charges as may reasonably be imposed upon the Employer by the employer in the Main Agreement by reason of said delay shall be chargeable by the Employer in this agreement against the Contractor who shall indemnify the Employer in full for said penalties fees or charges. To this effect the Contractor hereby authorises the Employer to withhold any balance due by the Employer to the Contractor for the execution of works in such event that any penalties as are mentioned in this paragraph are imposed or threatened to be imposed by the employer in the Main Contract. For the avoidance of any doubt, the Parties hereby agree that the Contractor's liability for payment of penalties shall be limited specifically to those penalties actually imposed on and incurred by the Employer under the Main Contract.»*

*4. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

8. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju, 2013 (ara paġna 45 tal-atti tal-kawża), l-avukat tal-kumpanija konvenuta ddikjara li bejn il-partijiet infetħet proċedura ta' arbitraġġ bin-numru 3520/2013. Minn dakinhar 'il quddiem il-kawża baqgħet tiġi differita bla ma jsir xejn, sakemm imbagħad b'digriet tal-5 ta' April, 2016, l-Ewwel Qorti kkanċellat il-kawża (ara paġna 57 tal-atti tal-kawża).

9. Fuq talba tal-kumpanija rikorrenti mressqa fil-11 ta' April, 2016 (ara paġna 59 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti reġgħet appuntat il-kawża b'digriet tal-25 ta' April, 2016 (ara paġna 60 tal-atti tal-kawża).

10. Aktar tard, b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża b'dan il-mod:

*«Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata;*

*Tiddikjara s-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Limited debitriċi tas-soċjetà rikorrenti Trasporti e Movimenti Terra Ltd fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf, tliet mija u sitta u tletin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€245,363.20) rappreżentanti xogħol minnha magħmul lis-soċjetà intimata u mhux imħallas, u għalhekk;*

*Tikkundanna lis-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Limited tħallas lis-soċjetà rikorrenti Trasporti e Movimenti Terra Ltd l-ammont ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf, tliet mija u sitta u tletin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€245,363.20).*

*Bl-ispejjeż kif mitluba kontra s-soċjetà intimata.*

*Imgħax mill-15 ta' Jannar 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata.»*

11. B'rikors tal-24 ta' Lulju, 2020, il-kumpanija konvenuta appellat kemm mid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar, 2013; kif ukoll mis-sentenza finali mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2020.

12. B'kollox il-kumpanija konvenuta ressqet sitt aggravji. L-ewwel aggravju huwa dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kellha tirrispetta l-klawsola arbitrali li kien hemm fis-seħħ bejn il-partijiet u għalhekk kellha tissospendi s-smigħ tal-kawża sakemm jintemmu l-proċeduri tal-arbitraġġ; it-tieni aggravju huwa li l-kumpanija attriċi ma ppruvatx il-każ tagħha; it-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ma qisitx l-eċċezzjoni tagħha li l-ammont mitlub mill-kumpanija attriċi mhuwiex mistħoqq mix-xogħlijiet li fil-fatt saru; ir-raba' aggravju huwa li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-kumpanija attriċi naqset mill-obbligi kuntrattwali tagħha; il-ħames aggravju huwa li l-kumpanija attriċi damet fl-eżekuzzjoni tax-xogħol; u s-sitt aggravju huwa li l-kumpanija attriċi għandha teħel l-ispejjeż kollha tal-

kawża.

13. Il-kumpanija atttriċi ma weġbitx bil-miktub għal dan l-appell.

14. Inżamm smigħ fid-9 ta' Novembru, 2023 u dakinhar intlaħaq qbil mal-partijiet, li l-ewwel għandha tingħata sentenza fuq l-ewwel aggravju tal-kumpanija konvenuta dwar il-klawsola tal-arbitraġġ.

15. Wara li l-Qorti semgħet dak li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet dwar dan l-aggravju, il-kawża tħalliet għal-lum biex tingħata din is-sentenza fuq dan l-ewwel aggravju.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Hekk kif ġie maqbul fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru, 2023, din il-Qorti sejra f'din is-sentenza tistħarreġ biss is-siwi tal-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-kumpanija konvenuta dwar jekk l-Ewwel Qorti mxietx b'mod tajjeb meta ssoktat bid-deċiżjoni tagħha fuq il-mertu tat-tilwima ta' bejn il-partijiet, minkejja li bejniethom kien hemm fis-seħħ klawsola arbitrali.

17. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex ċaħdet din l-eċċezzjoni marbuta mal-klawsola arbitrali kienu dawn:

*«**<u>Il-Qorti m'għandhiex Ġurisdizzjoni stante illi kellhom jittieħdu</u>***

***proċeduri permezz ta' arbitraġġ***

*Il-Qorti tosserva illi, a tenur tal-ftehim tas-27 ta' Awissu 2010, il-partijiet kienu ftehmu s-segwenti:*

> *«The parties shall seek to resolve in good faith any dispute or difference arising between them in respect of any matter connected with this Agreement. If the parties cannot resolve any such dispute or difference within 14 days, or such a period as the parties may subsequently agree in writing, then such dispute shall be submitted to their respective designated representatives under the Agreement. If such settlement is not possible the matter will be referred to Arbitration by the Malta Arbitration Centre.*
>
> *The Parties agree that in the event that the resolution of a dispute cannot be obtained without recourse to Arbitration in terms of this Clause, the Arbitration board made up of three Arbiters (3) shall decide said dispute and which decision shall be absolute, binding and not subject to appeal.»*

*Il-Qorti tosserva illi, kif fuq ġa indikat, fit-12 ta' Ġunju 2012, is-soċjetà rikorrenti kienet interpellat lis-soċjetà intimata tħallas l-import totali ta' €350,759.34, ossia l-import ta' cheque ta' €100,000 maħruġ mis-soċjetà intimata u eventwalment mhux onorat mill-Bank, kif ukoll bilanċ ta' €250,759.34 dovut.*

*Jirriżulta s-soċjetà intimata kienet irrispondiet għal tali rikjesta billi qalet illi kienet ser iżżomm il-flejjes stante illi kellha pendenza mas-soċjetà Enemalta, illi magħha hija kellha kuntratt li mbagħad, parti minnu, tagħtu b'sub appalt lis-soċjetà rikorrenti.*

*Jirriżulta illi, minn dakinhar, is-soċjetà intimata ma għamlet ebda tentattiv sabiex tibda arbitraġġ mas-soċjetà rikorrenti.*

*Jirriżulta ċar illi l-oġġezzjoni għall-ħlas kien unikament indirizzat mis-soċjetà intimata u, kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża 'Calibre Industries Ltd v. Muscat Motors Ltd' deċiża fil-25 ta' Frar 2005, kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li tibda hi stess proċeduri ta' arbitraġġ biex il-vertenza tiġi solvuta.»*

*Il-Qorti tifhem illi, la darba s-soċjetà intimata esprimiet il-fatt illi kien hemm diverġenza u ladarba naqset milli tirreferi dina l-kwistjoni għall-arbitraġġ skont il-ftehim, kienet hija stess illi kienet in vjolazzjoni tal-ftehim ta' arbitraġġ, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti kellha kull dritt illi, aktar minn ħames xhur wara l-aħħar korrispondenza tas-soċjetà intimata, u wara li s-soċjetà intimata ma għamlet xejn, nediet il-proċeduri odjerni.*

*Il-Qorti tosserva illi r-regoli huma hemm biex jiġu osservati u mhux abbużati – fil-każ odjern, is-soċjetà intimata kellha obbligu illi tmexxi b'arbitraġġ in vista tal-oġġezzjonijiet illi hija ressqet u, la darba ma ressqet ebda arbitraġġ fi żmien raġonevoli, hija għażlet illi ma tenforzax*

*l-effetti tal-klawsola tal-esklussività tal-arbitraġġ u kkonċediet lis-soċjetà rikorrenti d-dritt illi tipproċedi bl-azzjoni odjerna.*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi s-soċjetà intimata għażlet illi tmexxi bil-proċeduri ta' arbitraġġ BISS wara illi l-azzjoni odjerna nbdiet aktar minn sitt xhur wara li s-soċjetà rikorrenti talbet għall-ħlas ta' dak lilha dovut.*

*Huwa ċar illi s-soċjetà intimata riedet tabbuża bil-proċeduri ta' arbitraġġ li kien hemm bejnha u s-soċjetà Enemalta, u riedet ittawwal kemm jista' jkun il-proċeduri odjerni – u jidher li sfortunatament, irnexxielha għax il-kawża odjerna ilha pendenti għal aktar minn seba' snin u nofs.*

*Għalhekk, din d-difiża qiegħda tiġi miċħuda minn dina l-Qorti.»*

18. Il-kumpanija konvenuta ssostni fl-ewwel aggravju tal-appell tagħha, li l-partijiet kienu marbuta bil-klawsola arbitrali mdaħħla fil-kuntratt tas-27 ta' Awwissu, 2010 u li hija mxiet mal-proċedura stabbilita fl-**Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ** sabiex jitwaqqfu l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti sakemm it-tilwima tiġi maqtugħa bl-arbitraġġ. Tisħaq bil-ħerqa li hija qatt ma rrinunzjat għall-klawsola arbitrali, tant li meta l-kumpanija attriċi fetħet dawn il-proċeduri, hija minnufih nediet il-proċeduri tal-arbitraġġ.

19. Għalhekk hija ssostni li għandhom jitħassru kemm id-digriet tal-21 ta' Frar, 2013, li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tagħha biex ikun hemm sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji skont l-**Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ**, kif ukoll is-sentenza finali tas-6 ta' Ġunju, 2020 fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti minħabba l-imsemmija klawsola arbitrali.

20. Il-kumpanija attriċi ma weġbitx bil-miktub għal dan l-aggravju

għaliex hija ma ressqitx risposta tal-appell. B'danakollu fit-trattazzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, l-avukat tal-kumpanija attriċi sostna li l-kumpanija konvenuta tabilħaqq irrinunzjat għall-klawsola arbitrali għaliex fl-ewwel lok, din ma fetħitx il-proċeduri tal-arbitraġġ qabel ma ġew imressqa l-proċeduri ġudizzjarji quddiem l-Ewwel Qorti u fit-tieni lok, għaliex hija ma talbitx mill-ewwel biex tappella mid-digriet tal-21 ta' Frar, 2013, li bih l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tagħha sabiex ikun hemm sospensjoni tal-proċeduri sakemm jinqatgħu l-proċeduri tal-arbitraġġ, u minflok ħalliet li l-kawża titkompla sal-aħħar fuq il-mertu.

21. Il-Qorti titlaq billi tgħid li l-arbitraġġ huwa mezz alternattiv kif il-partijiet jistgħu jsolvu t-tilwim ta' bejniethom mingħajr ma jinvolvu lill-qrati (ara ***Vassallo Builders Limited v. Il-Perit David Felice et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2022). Kemm hu hekk, waqt id-dibattitu fil-*Committee Stage* tal-31 ta' Ottubru, 1995, l-Onorevoli Michael Refalo esprima ruħu hekk, «*it is another way how the Government is trying to plan a strategy and put in place systems and structures in order to alleviate the work load of the courts*» (ara ***Maltese Arbitration Law – A Hand Book*** mitbugħ miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ).

22. L-istitut ta' arbitraġġ fis-sistema Maltija llum huwa regolat b'mod dirett mill-**Att dwar l-Arbitraġġ** (**Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta**) u b'mod indirett mill-**Artikoli 742(3), 968** u **969 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**.

23. Illi qabel xejn biex tiskatta l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ irid ikun hemm ftehim li jgħid li tilwima bejn partijiet hija suġġetta għall-arbitraġġ. L-**Att dwar l-Arbitraġġ** fil-fatt jagħfas ħafna fuq l-aspett kunsenswali ta' din il-proċedura tal-arbitraġġ għaliex jitkellem dwar «*Ftehim ta' Arbitraġġ*», li skont l-**Artikolu 2** tal-istess Att huwa ftehim kif imfisser fl-**Artikolu 7 tal-Mudell ta' Liġi**. Il-Mudell ta' Liġi li jissemma hawnhekk huwa dak tal-***UNCITRAL fuq l-Arbitraġġ Kummerċjali Internazzjonali*** tal-21 ta' Ġunju, 1985.

24. Issa l-**Artikolu 7** ta' dan il-Mudell ta' Liġi jgħid li ftehim ta' arbitraġġ huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu għall-arbitraġġ kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistgħu jitnisslu bejniethom għar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kuntrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitraġġ jista' jkun fl-għamla ta' klawsola ta' arbitraġġ jew fl-għamla ta' ftehim separat. F'kull każ iżda l-ftehim tal-arbitraġġ irid isir bil-miktub.

25. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fit-30 ta' Settembru, 2011 tgħid li:

> *«hawn naraw ir-rapport volontarju ta' bejn żewġ partijiet li jkollhom disputa bejniethom u dwar liema l-istess partijiet ikunu qablu li jirriferu l-kwistjoni għad-determinazzjoni quddiem arbitru u ċjoè terza persuna li jkollha l-fiduċja tagħhom. B'dan il-mod tinħoloq relazzjoni kuntrattwali*

> *bejniethom u fl-istess ħin jeskludu l-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji.»*

26. Il-klawsola arbitrali għandha funzjoni purament proċesswali u dan għar-raġuni ovvja illi din hi maħsuba biex tistabbilixxi t-tribunal li għandu jiddeċiedi l-kontroversji eventwali li jistgħu jinqalgħu mill-kuntratt. Jingħad f'dan is-sens minn ***Lord MacMillan*** fis-sentenza klassika Ingliża fl-ismijiet, ***Heyman v. Darwins Ltd (1942) 1 All ER 337***, illi:

> *«… an arbitration clause in a contract .. is quite distinct from the other clauses. The other clauses set out the obligations which the parties undertake towards each other… but the arbitration clause does not impose on one of the parties an obligation in favour of the other. It embodies the agreement of both parties, that, if any dispute with regard to the obligations which the one party has undertaken to the other, such dispute shall be settled by a tribunal of their own constitution…»*

27. Issa skont il-liġi biex ikun hemm irbit ta' arbitraġġ hemm bżonn li l-ftehim tal-arbitraġġ ikun sar bil-miktub (ara ***Susan M. Waitt v. Peter B. Lloyd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010). Dan joħroġ ċar ħafna wkoll mill-ewwel parti tal-**Artikolu 7(2)** tal-istess Mudell tal-Liġi. Jinsab deċiż f'dan is-sens illi, «*il-forma skritta għall-kostituzzjoni tal-att ta' arbitraġġ hija rikjesta ad validitatem jew ad solemnitatem u mhux sempliċement ad probationem*» (ara ***Victor Zammit et v. Joseph Stivala*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-18 ta' Mejju, 1992).

28. Din l-istess deċiżjoni tissokta tamplifika:

> *«illi r-raġuni ta' dan ir-rigur fuq il-forma huwa faċilment komprensibbli għaliex il-kompromess jimplika dejjem rinunzja għad-dritt tal-azzjoni ġudizzjarja minn almenu wieħed mill-partijiet u rinunzja għall-*

> *protezzjoni tal-organizzazzjoni ġudizzjarja statali possibilment almenu minn waħda mill-partijiet.»*

29. Jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dak bil-miktub, kull deċiżjoni li tingħata mit-tribunal tal-arbitraġġ tiġi ma tiswiex u ma jkollha l-ebda saħħa legali bejn il-partijiet (ara ***Rev. Patri Vigarju Provinċjali Raymond Francalanza nomine v. Nike Ventures Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2007 u ***Mark Laferla v. Sammy Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 1995).

30. Mhux biss il-kitba hi meħtieġa imma hemm bżonn ukoll li l-ftehim li jkun fih il-klawsola arbitrali jkun ġie ffirmat mill-partijiet. Il-firma hija ta' importanza kbira minħabba li hu minnha li titnissel ir-rieda ċara tal-partijiet li jirreferu għall-arbitraġġ it-tilwimiet li jistgħu jinqalgħu bejniethom mill-esekuzzjoni tal-kuntratt.

31. M'hemmx dubju li l-Qrati tagħna dejjem taw il-piż mistħoqq lill-klawsoli arbitrali b'ħarsien għall-volontà ħielsa tal-partijiet u dan minkejja li l-Qrati Maltin kellhom ġurisidizzjoni konkorrenti (ara ***Dr. Renato Cefai nomine v. Valletta Freight Services Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Marzu, 2001 u ***Christopher Grech v. Joseph Cutajar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru, 2008).

32. Naturalment il-parti li tkun iffirmat ftehim ta' arbitraġġ għandha kull

jedd li topponi għall-kompetenza tal-Qorti u tippretendi li tmur għall-ġudizzju ta' arbitru jew arbitri (ara ***Joseph Micallef et v. Is-Sur Jovin Rausi nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2004).

33. Madankollu, huwa miżmum ukoll li l-klawsola arbitrali titqies li torbot fil-parametri stretti li fihom tkun ġiet stipulata, u wieħed irid joqgħod attent li ma jestendix l-applikabilità ta' tali klawsola arbitrali sempliċement fuq il-pretest li l-liġi tagħna tagħti trattament preferenzjali lill-istitut tal-arbitraġġ (ara ***Dr. Tonio Fenech nomine et v. L-Avukat Dottor Tonio Grech nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2005).

34. B'żieda ma' dan, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li skont l-**Artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-fatt waħdu li jkun hemm klawsola arbitrali bħal din fi ftehim ma jeskludix il-ġurisdizzjoni tal-Qrati (ara ***George Camilleri v. Hugh P. Zammit noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 1998). Li jista' jiġri huwa li, kemm jekk ikun inbeda xi proċediment quddiem arbitru, kemm jekk le, il-Qorti tista' dejjem twaqqaf il-proċedimenti li jkun hemm għaddejjin quddiemha, u tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċedimenti. Ifisser għalhekk li l-aċċettazzjoni tat-talba għas-soprasessjoni mhijiex stqarrija li l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża.

35. Issa skont l-**Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ** biex jitwaqqfu l-proċeduri quddiem il-Qorti sakemm jintemmu l-proċeduri tal-arbitraġġ hemm bżonn li jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet.

36. L-ewwel nett, it-talba għas-sospensjoni trid issir mill-parti qabel ma tressaq xi eċċezzjoni jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti. Din it-talba tista' ssir permezz ta' rikors għal rasu qabel ma tiġi ppreżentata r-risposta maħlufa (kif għamlet il-kumpanija appellanti f'dan il-każ) jew inkella billi titressaq talba fl-għamla ta' eċċezzjoni preliminari fir-risposta maħlufa (ara ***Clentec Limited v. Il-Ministru tas-Saħħa et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Panta Marketing and Services Limited v. AX Construction Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010).

37. It-talba għas-soprasessjoni għandha ssir fil-bidu għaliex jekk ma ssirx mill-ewwel, il-parti tista' titqies li tkun irrinunzjat għall-klawsola arbitrali u b'hekk tkun meqjusa li aċċettat li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Wara kollox, hija ġurisprudenza miżmuma li klawsoli arbitrali jistgħu jiġu rinunzjati, sew espressament sew taċitament (ara ***Edward Rizzo proprio et nomine v. Major Arthur D. Abbott proprio et nomine*** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 1952, ***Cordina Insurance Agency Limited pro v. John Abela Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (kompetenza Inferjuri) fit-3 ta' Ottubru, 2008 u ***Malta Shipyards Limited***

***v. VPJ Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012).

38. It-tieni nett, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-ftehim tal-arbitraġġ għadu fis-seħħ jew jista' jitwettaq, u fl-aħħar nett il-kwistjoni li dwarha jintalab li tgħaddi għall-arbitraġġ tkun fil-fatt waħda li għalih il-ftehim tal-arbitraġġ kien maħsub.

39. Jekk iseħħu dawn l-elementi, il-Qorti għandha twaqqaf dawk il-proċedimenti.

40. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ li għandna quddiemna, jidher li ħadd ma hu qiegħed imeri l-fatt li bejn il-kumpanija attriċi Trasporti e Movimenti Terra Ltd u l-kumpanija konvenuta Schembri Infrastructures Ltd hemm fis-seħħ klawsola arbitrali, li tinsab fil-**klawsola 9.2.1** tal-kuntratt tas-27 ta' Awwissu, 2010.

41. Din il-klawsola li ġiet riprodotta aktar 'il fuq f'paragrafu 4 ta' din is-sentenza, turi ċar u tond, li bejn il-partijiet hemm qbil li kull tilwima dwar it-tħaddim ta' dan il-kuntratt għandha tiġi mressqa għall-arbitraġġ.

42. Illi lanqas m'hemm kwistjoni li t-talba għall-waqfien ta' dawn il-proċeduri ġudizzjarji taħt l-**Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ** saret fil-bidu nett tal-kawża permezz ta' talba apposta mressqa mill-kumpanija

konvenuta fil-25 ta’ Jannar, 2013, qabel ma hija ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha.

43. L-Ewwel Qorti però ċaħdet din it-talba tal-25 ta’ Jannar, 2013, permezz ta’ digriet mogħti fil-21 ta’ Frar, 2013, li sempliċement jgħid hekk: «*Għar-raġunijiet esposti fir-risposta fuq indikata, tiċħad it-talba*.»

44. Għalkemm din il-Qorti tqis li dan mhuwiex mod korrett kif għandu jiġi motivat digriet mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti mhijiex sejra tħassar id-digriet minħabba dan in-nuqqas formali. Hija sejra minflok tara x’kienu l-oġġezzjonijiet li ġew imressqa mill-kumpanija attriċi fir-risposta tagħha tad-19 ta’ Frar, 2013 u tara jekk dawn kinux tabilħaqq ġustifikati biex tiġi miċħuda t-talba tal-kumpanija konvenuta biex ikun hemm sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji.

45. L-ewwel oġġezzjoni mressqa mill-kumpanija attriċi għaliex m’hemmx lok ta’ sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji hija li f’dan il-każ m’hemmx ‘*dispute*’ bejn il-partijiet dwar l-ammont li l-kumpanija konvenuta fadlilha xi tħallasha taħt il-kuntratt.

46. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, li din l-oġġezzjoni hija waħda għalkollox fiergħa għaliex it-tressiq ta’ din il-kawża min-naħa tal-kumpanija attriċi hija prova minnha nfisha li l-kumpanija konvenuta mhux

qed taqbel magħha li hija għandha ttiha xi flus. Ma jirriżultax li l-kumpanija konvenuta aċċettat li hija midjuna mal-kumpanija attriċi fl-ammont mitlub minnha fir-rikors maħluf. Anzi l-kumpanija konvenuta fl-ittra tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2012 (ara paġna 36 tal-atti tal-kawża), li ntbagħtet qabel ma nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji tal-lum, ġa kienet għarrfet lill-kumpanija attriċi li hija ma kinitx ħa tħallasha skont **klawsola 17** tal-kuntratt u dan biex tara x'kien se jkun l-eżitu tal-arbitraġġ li hija kellha pendenti mal-Korporazzjoni Enemalta dwar nuqqasijiet fl-eżekuzzjoni tax-xogħol li ġew imwettqa mill-kumpanija attriċi.

47. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta li aċċettat din l-oġġezzjoni biex ma tħarisx il-klawsola arbitrali.

48. Hekk ukoll, l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta aċċettat it-tieni oġġezzjoni tal-kumpanija attriċi illi l-kuntratt skada skont **klawsola 8** fis-27 ta' Awwissu, 2012. Il-**klawsola 8** ma titkellimx dwar il-validità tal-kuntratt imma titkellem biss dwar it-terminu li fih il-kumpanija attriċi kellha tlesti x-xogħol imsemmi fil-kuntratt. Fuq kollox, din il-Qorti tqis li huwa tabilħaqq kontradittorju min-naħa tal-kumpanija attriċi li targumenta li l-kuntratt tas-27 ta' Awwissu, 2010 tilef l-effetti tiegħu fis-27 ta' Awwissu, 2012, meta hija stess fetħet kawża fil-15 ta' Jannar, 2013 fuq il-bażi ta' dan l-istess kuntratt. Jiġi b'hekk, li anke din it-tieni oġġezzjoni kontra t-tħaddim tal-klawsola arbitrali mhijiex mistħoqqa.

49. Illi l-aħħar oġġezzjoni li semmiet il-kumpanija attriċi hija li l-kumpanija konvenuta kienet ġiet interpellata biex tħallas permezz ta' ittra legali tat-12 ta' Ġunju, 2012 u wara li din wieġbet għaliha fis-7 ta' Awwissu, 2012, hija waqfet hemm u ma ħadet l-ebda proċeduri. Għalhekk il-kumpanija attriċi sostniet li fl-inerzja tagħha, il-kumpanija konvenuta ġiet li rrinunzjat għat-tħaddim tal-klawsola arbitrali.

50. Din il-Qorti ma taqbilx lanqas ma' din l-oġġezzjoni. Ibda biex, fl-ittra tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2012, il-kumpanija konvenuta mkien ma qalet li hija kienet qiegħda tirrinunzja għall-klawsola arbitrali. Barra minn hekk, fl-ittra interpellatorja tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2012, il-kumpanija attriċi, kontra dak li seħħ fil-kawża ***Ignatius Gatt v. Franco Facchetti et*** deċiża fil-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003 imsemmija minnha fir-risposta tagħha, qatt ma indikat li hija ma kinitx qiegħda tafda l-proċedura tal-arbitraġġ jew b'xi mod esprimiet ix-xewqa li kull tilwima li hija kellha mal-kumpanija konvenuta kellha tiġi mressqa quddiem il-Qrati milli f'arbitraġġ. Mod ieħor, fl-ittra interpellatorja tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2012, il-kumpanija attriċi qalet biss li jekk ma jsirx il-ħlas min-naħa tal-kumpanija konvenuta, hija ma kienx ħa jkollha għażla oħra, «*but to institute necessary procedures*». Skont din l-ittra, il-kumpanija attriċi ma tatx x'tifhem lill-kumpanija konvenuta li hija ma riditx tmexxi bl-arbitraġġ.

51. Sfiq ma' dan, il-kumpanija attriċi lanqas ma setgħet issib wens fis-sentenza l-oħra msemmija minnha fir-risposta tagħha, *viz.* ***Calibre Industries Ltd v. Muscat Motors Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2005. Dan għaliex filwaqt li f'dak il-każ intwera li l-kumpanija konvenuta ma kinitx wieġbet għall-korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija attriċi biex jinbdew il-proċeduri tal-arbitraġġ u baqgħet għalkollox passiva, fil-każ tal-lum, il-kumpanija konvenuta ma baqgħetx passiva iżda wieġbet għall-ittra interpellatorja mibgħuta mill-kumpanija attriċi.

52. Huwa minnu li l-kumpanija konvenuta ma fetħitx proċeduri tal-arbitraġġ qabel ma nfetħet din il-kawża. B'daqshekk iżda dan ma jfissirx li l-kumpanija konvenuta rrinunzjat għall-klawsola arbitrali. Huwa evidenti li l-kumpanija konvenuta ma fetħitx proċeduri tal-arbitraġġ għaliex dehrilha li skont il-**klawsola 17** tal-kuntratt hija kellha l-jedd li żżomm il-pagamenti lill-kumpanija attriċi, biex tara jekk mill-arbitraġġ li l-istess kumpanija konvenuta kellha mal-Korporazzjoni Enemalta kienx ħa joħroġ li hija kellha tagħmel tajjeb għal danni jew penali minħabba l-mod ta' kif il-kumpanija attriċi wettqet ix-xogħol tagħha. Minn din it-tweġiba tagħha għalhekk kien mistenni li l-kumpanija konvenuta ma kinitx ħa tibda proċeduri mal-kumpanija attriċi, għallinqas sakemm jispiċċaw dawk li hija kellha mal-Korporazzjoni Enemalta.

53. F'din il-qagħda għalhekk in-nuqqas ma kienx tal-kumpanija konvenuta li ma ressqitx it-tilwima tagħha għall-arbitraġġ. Mod ieħor, in-nuqqas kien tal-kumpanija attriċi li minflok ressqet it-tilwima tagħha għall-arbitraġġ skont **klawsola 9.2.1** tal-kuntratt, hija injorat ir-rabta kuntrattwali illi kellha mal-kumpanija konvenuta, u minflok fetħet il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

54. Hekk ukoll, ma jirriżultax li l-kumpanija konvenuta rrinunzjat għall-klawsola arbitrali wara li l-kumpanija attriċi nediet dawn il-proċeduri ġudizzjarji. Mhux biss il-kumpanija konvenuta nsistiet fuq il-klawsola arbitrali billi ressqet ir-rikors għas-sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji taħt l-**Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ**, qabel ma ressqet ir-risposta maħlufa tagħha, iżda anke wara li dan ir-rikors tagħha ġie miċħud mill-Ewwel Qorti, hija baqgħet tinsisti fuq it-tħaddim tal-klawsola arbitrali, tant li fl-4 ta' Marzu, 2013 hija ppreżentat avviż ta' arbitraġġ bin-numru 3520/2013 kontra l-kumpanija attriċi (ara paġni 198 sa 202 tal-atti tal-kawża); u fit-13 ta' Marzu, 2023 hija ppreżentat ir-risposta maħlufa tagħha u fl-ewwel eċċezzjoni tagħha hija qanqlet għal darb'oħra l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti minħabba l-klawsola arbitrali.

55. Terġa' u tgħid, jirriżulta mill-atti tal-kawża li l-partijiet għamlu żmien twil jitolbu differimenti tal-kawża jew saħansitra lanqas biss kienu jidhru għas-seduti quddiem l-Ewwel Qorti, sewwasew għaliex il-partijiet kienu

qegħdin jistennew l-eżitu tal-arbitraġġ. Il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti tkompliet biss wara li ngħata d-digriet tal-kanċellament u l-kawża ġiet appuntata mill-ġdid.

56. Minn dan kollu għalhekk ma jistax jingħad li l-kumpanija konvenuta rrinunzjat għall-klawsola arbitrali.

57. Fl-aħħar nett, din il-Qorti lanqas ma tista' taċċetta bħala fejjiedi l-argument tal-kumpanija attriċi illi l-kumpanija konvenuta rrinunzjat għall-klawsola arbitrali minħabba li hija ma talbitx biex tappella mid-digriet tal-21 ta' Frar, 2013, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors għas-sospensjoni tal-proċeduri. Dan qed jingħad għaliex skont l-**Artikolu 229(1)(m) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, appell minn digriet li ma jilqax talba għall-waqfien fil-proċediment jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza (ara f'dan is-sens ***Geraldine Noel v. L-Avukat tal-Istat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru, 2023, ***L-Avukat Dott. Pio M. Valletta v. Rosalie Darmanin*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008 u ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Annamaria Spiteri Debono pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014). Huwa biss digriet li jordna l-waqfien tal-proċediment, li skont l-**Artikolu 229(2)(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jista' jiġi appellat qabel is-sentenza definittiva (ara

***Charles Grech v. Spiridione Bondin et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023).

58. Ifisser għalhekk li l-kumpanija konvenuta ma setgħetx bil-liġi tappella mid-digriet tal-21 ta' Frar, 2013, qabel l-għoti tas-sentenza finali fis-6 ta' Lulju, 2020.

59. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti qiegħda għalhekk issib li l-ewwel aggravju tal-kumpanija konvenuta huwa wieħed mistħoqq, b'dana għalhekk li l-Ewwel Qorti żbaljat kemm meta bid-digriet tagħha tal-21 ta' Frar, 2013 hija ma ssospendietx il-proċeduri ġudizzjarji, kif ukoll meta bis-sentenza finali tas-6 ta' Lulju, 2020 hija qatgħet il-mertu tal-kawża meta kien għad hemm proċeduri ta' arbitraġġ pendenti bejn il-partijiet.

60. Il-Qorti tagħlaq hawnhekk billi ttenni dak li ngħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Valfracht Roro Line Ltd v. Kaptan Nikolaos Skiadas noe*** deċiża fl-10 ta' April, 2003, illi anke jekk ikun hemm is-soprasessjoni, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija xorta tibqa' tgħodd skont l-**Artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan hu hekk għaliex li kieku l-klawsola ta' arbitraġġ ittemm il-ġurisdizzjoni b'mod sħiħ, ma jkunx hemm lok li tiġi ordnata s-soprasessjoni tal-kawża, imma biss il-ħelsien tal-imħarrek milli jibqa' fil-ġudizzju fuq il-bażi tan-

nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

61. Għalhekk il-Qorti filwaqt li sejra tilqa' t-talba għas-soprasessjoni ta' din il-kawża, hija ħa tibqa' żżomm il-kompetenza tal-Qrati Maltin fil-limiti tal-**Artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju mressaq fl-appell tal-kumpanija konvenuta u b'hekk qiegħda tħassar kemm id-digriet tal-Ewwel Qorti mogħti fil-21 ta' Frar, 2013, kif ukoll is-sentenza finali tas-6 ta' Lulju, 2020 u minflok qiegħda tilqa' r-rikors tal-kumpanija konvenuta mressaq fil-25 ta' Jannar, 2013 u u tordna l-waqfien ta' dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ** u l-**Artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u dan sakemm jintemmu b'mod definittiv jew jiġu ċeduti l-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru 3520/2013 li hemm għaddejja bejn il-partijiet.

L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-kumpanija Trasporti e Movimenti Terra Ltd, filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti sejrin jitħallew riżervati għal meta l-Ewwel Qorti tagħti d-deċiżjoni finali tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li għandha tissospendi l-proċeduri kif fuq imfisser.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm